

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 19.11.2008
SEG(2008) 2847 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAS-SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI

**Dokument anċillari mal-
KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

**Sommarju tal-Valutazzjoni tal-Impatt għal strateġija tal-UE għal żarmar aħjar tal-
bastimenti**

{COM(2008) 767 final}

{SEC(2008) 2846}

Dan huwa sommarju tal-valutazzjoni tal-impatt (IA) li qed jakkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għal strateġija tal-UE għal żarmar aħjar tal-bastimenti.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt tidentifika l-problema bħala nuqqas tas-suq globali fis-sens li s-suq attwali tar-riċiklaġġ tal-bastimenti qed jopera taħt kundizzjonijiet inaċċettabli għall-ambjent u s-saħħa tal-ħaddiema fin-Nofsinhar ta' l-Ażja, u li dan in-nuqqas jikkonċerna wkoll l-UE minħabba l-għadd kbir ta' bastimenti li jtajru l-bnadar Ewropew u bastimenti b'sidien Ewropej li jittieħdu għall-iskreppjar ġewwa faċilitajiet fil-Bangladexx, fl-Indja jew fil-Pakistan.

L-għan ġenerali tal-istrateġija tal-UE dwar iż-żarmar tal-bastimenti hu li jassigura li l-bastimenti b'konnessjoni qawwija mal-UE f'termini ta' bandiera jew ta' sjieda jiġu żarmati biss f'faċilitajiet madwar id-dinja li huma sikuri u tajbin għall-ambjent. Bħala għanijiet speċifiċi dan jinkludi: Li tiġi evitata, skont ir-Regolament dwar il-Ġarr tal-Iskart fuq il-Baħar, l-esportazzjoni ta' bastimenti perikolużi li temmew iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, mill-UE għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, u li jitnaqqsu b'mod sinifikanti u sostenibbli l-impatti negattivi taż-żarmar ta' bastimenti sal-2015, speċjalment fin-Nofsinhar tal-Ażja, fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mingħajr ma jinħolqu piżijiet ekonomiċi żejda.

Biex jiġu indirizzati dawn l-objettivi, ġew ikkunsidrati erba' għażliet: 1) kontinwità tal-livell attwali tal-attivitajiet tal-UE bħala "linja bażi", 2) politika b'enfażi fuq l-azzjoni volontarja mis-sidien ta' vapuri u fuq il-faċilitajiet ta' riċiklaġġ, 3) regoli biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet ewlenin tal-Konvenzjoni tal-IMO li jmiss u jikkumplementawha b'ċerti dispożizzjonijiet mandatorji, u 4) approċċ ta' politika integrata li jgħaqqad flimkien għażla ta' miżuri leġiżlattivi u oħrajn mhux leġiżlattivi.

L-ewwel għażla timplika livell baxx ta' attività tal-UE, fejn l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-IMO dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti għall-perjodu ta' żmien twil, tiġi fdata essenzjalment f'idejn l-Istati Membri. Li ma ssir ebda azzjoni oħra fl-livell tal-UE fuq perjodu ta' żmien qasir u medju, sakemm is-sistema internazzjonali l-ġdida tkun fis-seħħ u trasposta mill-Istati Membri, tkun t'fisser, li t-tendenzi attwali ta' żarmar ta' bastimenti jkomplu għaddejnin bl-istess ritmu. Il-problemi għall-infurzar tar-Regolament tal-Ġarr tal-Iskart fuq il-Baħar rigward bastimenti li temmew iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u d-dekommissjoni ta' bastimenti li jkunu barra mill-ilmijiet tal-UE, se jibqgħu mingħajr soluzzjoni.

It-tieni għażla tiffavura t-teħid ta' miżuri mhux leġiżlattivi li jippromwovu azzjoni volontarja mill-industrija tal-ġarr fuq il-baħar, i.e. tħeġġeġ lill-kumpaniji tal-ġarr fuq il-baħar biex jużaw biss faċilitajiet ta' żarmar madwar id-dinja li huma sikuri u tajbin għall-ambjent. Se tiffoka fuq l-inċentivi pożittivi u mhux fuq l-infurzar aktar strett tar-Regolament tal-Ġarr tal-Iskart fuq il-Baħar attwali. F'din l-għażla wieħed jista' jiddistingwi żewġ alternattivi, skont jekk l-inċentivi għandhomx jintużaw biex jiġi mħeġġeġ żarmar nadif tal-bastimenti fl-UE jew f'pajjiżi kandidati, jew jekk għandhomx jiġu mhegġga prattiċi aħjar madwar id-dinja kollha.

L-impatti tal-azzjonijiet taħt l-Għażla 2 huma mqassra fit-tabella li ġejja:

Tabella 1: Il-Miżuri li jħeġġu azzjonijiet volontarji u l-impatt tagħhom

| Sub-għażla / miżura | L-impatti pożittivi | L-impatti negattivi | L-għażla rakkomandata : |
|---|--|--|--------------------------------|
| | Il-grupp jew il-fattur affettwat: <i>Il-probabbiltà / l-intensità</i> | Il-grupp jew il-fattur affettwat: <i>Il-probabbiltà / l-intensità</i> | |
| Sub-għażla 1: <i>Li tħeġġeġ żarmar fl-UE/OECD</i> | | | |

| Sub-għażla / miżura | L-impatti pożittivi Il-grupp jew il-fattur affettwat: <i>Il-probabbiltà / l-intensità</i> | L-impatti negattivi Il-grupp jew il-fattur affettwat: <i>Il-probabbiltà / l-intensità</i> | L-għażla rakkomandata : |
|---|--|--|--------------------------------|
| Sussidji għal żarmar fl-UE | L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>għolja / għolja</i> L-imjiegi + l-introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE: <i>għolja / medja</i> Is-sajd fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>Medja / medja</i> | L-imjiegi fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>għolja / għolja</i> Spejjeż għall-UE: <i>għolja / għolja</i> L-introjtu għall-industrija fin-Nofsinhar tal-Ażja, il-provvista tal-azzar (speċjalment Bangladexx). <i>għolja / għolja</i> Ir-relazzjonijiet ta' negozju man-Nofsinhar tal-Ażja: <i>għolja / għolja</i> Is-sussidji jistgħu jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u ma għandhom l-ebda appoġġ tar-regoli tal-UE dwar l-ghajjnuna tal-Istat: <i>għolja / għolja</i> | Irrifjuta |
| Koordinazzjoni tal-UE dwar il-bastimenti tal-gwerra | L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>Baxxa / medja</i> L-imjiegi + l-introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE: <i>baxxa / medja</i> | Spejjeż għall-forzi tal-baħar tal-UE: <i>baxxa / medja</i> L-ambjent + s-sikurezza tal-ħaddiema fl-UE: <i>baxxa / baxxa</i> | Irrifjuta |
| Sub-għażla 2: Li thegħeġ żarmar fid-dinja kollha | | | |
| Kampanja għal ftehim volontarju | L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>baxxa / medju (iżda potenzjalment effettiv fi żmien qasir)</i> L-imjiegi + l-introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE: <i>baxxa / baxxa</i> | L-ebda impatt prinċipali | Aċċetta |
| Skema ta' ċertifikazzjoni u verifika tal-UE | Ambjent + sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>baxxa / medja</i> L-imjiegi + l-introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE: <i>baxxa / medja</i> | il-faċilitajiet: <i>baxxi / baxxi (jew anki pożittiva f' termini netti)</i> | Aċċetta |
| Skema ta' għotjiet | L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>baxxa / medja</i> Ir-reputazzjoni tas-sidien ta' bastimenti tal-UE + parteċipanti oħra: <i>Medja / medja</i> L-imjiegi + l-introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE: | Spejjeż għall-UE: <i>għolja / baxxa</i> | Aċċetta |

| Sub-għażla / miżura | L-impatti pożittivi Il-grupp jew il-fattur affettwat: <i>Il-probabbiltà / l-intensità</i> | L-impatti negattivi Il-grupp jew il-fattur affettwat: <i>Il-probabbiltà / l-intensità</i> | L-għażla rakkomandata : |
|--|--|--|--------------------------------|
| | <i>medja / baxxa</i> | | |
| Assistenza teknika għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw | L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>Medja / medja</i> Is-sajd fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>medja / medja</i> | Spejjeż għall-UE: <i>għolja / baxxa</i> L-effetti fuq il-kompetizzjoni: <i>medja / baxxa</i> | Aċċetta |
| Parteċipazzjoni fi proġetti pilota | L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>baxxa / baxxa</i> L-imjieggi + l-introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE: <i>baxxa / baxxa</i> | L-ebda impatt prinċipali | Aċċetta |
| Gwida lill-proprjetarji tal-bastimenti (lista globali tal-faċilitajiet ta' żarmar) | L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>medja / medja</i> L-imjieggi + l-introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE: <i>medja / medja</i> | Spejjeż għar-riċerka tal-UE: <i>għolja / baxxa</i> | Aċċetta |

1.1. Dawn l-azzjonijiet ippreżentati hawn fuq bħala aċċettabli se jħeġġu azzjonijiet volontarji mingħand il-propjetarji tal-bastimenti sabiex titjeb il-prattika dinjija ta' żarmar tal-bastimenti, iżda mhumiex neċessarjament se jnaqqsu d-distanza rigward bastimenti li temmew iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom fil-leġislazzjoni attwali tal-UE.

Skont **it-tielet għażla**, l-elementi ewlenin tal-Konvenzjoni ta' Riċiklaġġ tal-Bastimenti fil-ġejjieni (ir-rekwiżiti għal servejs u ċertifikazzjoni għall-bastimenti, ir-rekwiżiti essenzjali għall-faċilitajiet tar-riċiklaġġ, u r-regoli dwar il-komunikazzjoni u r-rappurtaġġ) se jkunu trasposti u kkumplementati fejn meħtieġ biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet. Lil hinn mill-implimentazzjoni, jistgħu jiġu previsti miżuri addizzjonali biex l-istandards tal-Konvenzjoni fil-ġejjieni jiġu estenzi għall-bastimenti tal-gvern tal-Istati Membri, li jeħtieġu li l-bastimenti li jtajru l-bnadar tal-UE jmorru biss għand dawk il-faċilitajiet ta' żarmar ivverifikati u ċċertifikati, u tiġi stabbilita lista ta' bastimenti lesti għaż-żarmar biex titjeb is-sistema ta' kontroll tar-Regolament dwar il-Ġarr tal-Iskart fuq il-Baħar għall-bastimenti. F'dan il-kuntest, ssir valutazzjoni wkoll ta' xi azzjonijiet oħra possibbli – aktar projbizzjonijiet ta' materjali perikolużi fuq il-bastimenti, obbligi aktar stretti ta' tindif minn qabel jew il-projbizzjoni tal-metodu fejn il-bastiment jittella' fuq ix-xtajta. L-għażla tkopri miżuri oħrajn (dokumenti ta' gwida, proġetti IMPEL-TFS, proċedimenti ta' vjolazzjoni, kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi) biex tassigura infurzar aħjar tal-liġi attwali tal-ġarr tal-iskart bil-baħar rigward bastimenti li temmew iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

L-impatti tal-azzjonijiet taħt l-Għażla 3 huma mqassra fit-tabella li ġejja:

Tabella 2: Il-miżuri dwar ir-riċiklaġġ ta' bastimenti u l-impatti tagħhom

| Il-miżura | L-impatti pożittivi | L-impatti negattivi | L-għażla rakkomandata: |
|--|---|--|-------------------------------|
| | Il-grupp affettwat jew ikkonċernat: <i>Il-probabbiltà / l-intensità</i> | Il-grupp affettwat jew ikkonċernat: <i>Il-probabbiltà / l-intensità</i> | |
| Miżuri biex tiġi implimentata il-Konvenzjoni tal-IMO dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti | | | |
| Inventarju ta' materjali Perikolużi, servejs u ċertifikati | L-armonizzazzjoni bikrija tar-regoli ta' sikurezza fl-UE tistabbilixxi opportunitajiet indaqs - tnaqqas l-ispejjeż għas-sidien ta' bastimenti + tarzni - iżżid l-effettività tal-kontrolli tas-saħħa + sikurezza: <i>medja / medja</i> | M'hemmx spejjeż żejda relatati mal-linja ta' bażi (Konvenzjoni IMO) | Aċċetta |
| Rekwiżiti għal faċilitajiet għal żarmar ta' bastimenti | L-ebda impatt prinċipali, jew tnaqqis potenzjali ta' spejjeż għall-Pjan ta' Ġestjoni | M'hemmx spejjeż żejda relatati mal-linja ta' bażi (Konvenzjoni IMO) | Aċċetta |
| Doveri ta' informazzjoni tal-Istati ta' riċiklaġġ | It-trasparenza, implimentazzjoni aktar effettiva: <i>medja / medja</i> | Żieda fil-piż amministrattiv għal SM: <i>medja / baxxa</i> | Aċċetta |
| Ir-rekwiżiti ta' rappurtaġġ għal sidien ta' bastimenti + faċilitajiet ta' riċiklaġġ: | L-ebda impatt prinċipali, tnaqqis potenzjali ta' spejjeż permezz ta' ġestjoni minn punt ta' kuntatt uniku. | M'hemmx spejjeż żejda relatati mal-linja ta' bażi (Konvenzjoni IMO) | Aċċetta |
| <i>Miżuri li jikkumplementaw</i> | | | |
| Estensjoni tar-regoli għall-bastimenti tal-gvern | - L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinar tal-Ażja, - L-imjiegi + l-introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE: <i>medja / medja</i> (aktar għolja jekk jiżdedu r-regoli dwar il-bejgħ tal-bastimenti) | Spejjeż għall-forzi navali tal-UE: <i>medja / medja</i> L-ambjent + s-sikurezza tal-ħaddiema fl-UE: <i>baxxa / baxxa</i> L-imjiegi + l-introjtu fin-Nofsinar tal-Ażja: <i>medja / baxxa</i> | Aċċetta |
| Aktar projbizzjonijiet estensivi dwar materjali perikolużi | L-ambjent tal-baħar : <i>għolja / għolja</i> Is-sikurezza + is-saħħa tal-ħaddiema: <i>għolja / medja</i> | Interferenza mal-leġiżlazzjoni tal-prodott tal-UE: <i>għolja / għolja</i> Il-Pożizzjoni kompetittiva tal-fornituri tal-bastimenti tal-UE: <i>medja / għolja</i> L-effikazzja tal-investigazzjonijiet tar-riskju: <i>medja / medja</i> | Irrifjuta |
| Obbligi aktar stretti ta' tindif minn qabel għall-bastimenti li jtajru l- | L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinar tal-Ażja, <i>baxxa / medja</i> | Spejjeż għas-sidien ta' bastimenti: <i>medja / medja</i> | Irrifjuta (bħala ineffettiv) |

| Il-miżura | L-impatti pożittivi | L-impatti negattivi | L-għażla rakkomandata: |
|--|---|---|-------------------------------|
| | Il-grupp affettwat jew ikkonċernat: <i>Il-probabbiltà / l-intensità</i> | Il-grupp affettwat jew ikkonċernat: <i>Il-probabbiltà / l-intensità</i> | |
| bandiera tal-UE | - L-imjieggi + l-introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE: <i>baxxa / medja</i> | It-tibdil tal-bandiera ta' bastimenti tal-UE: <i>għolja / medja</i> Riskji addizzjonali ta' aċċidenti matul ir-rotta + għas-sikurezza/ għall-ambjent fin-Nofsinhar tal-Ażja. <i>baxxa / medja</i> | |
| Il-projbizzjoni tal-metodu fejn il-bastiment jittella' fuq ix-xtajta għall-bastimenti tal-UE | L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja, <i>baxxa / medja</i> : - L-imjieggi + l-introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE: <i>baxxa / medja</i> | Spejjeż għas-sidien ta' bastimenti: <i>baxxa / medja</i> It-tibdil tal-bandiera ta' bastimenti tal-UE: <i>għolja / medja</i> | Irrifjuta (bħala ineffettiv) |
| L-obbligu għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE biex jużaw l-faċilitajiet iċċertifikati | L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>medja / medja</i> - L-imjieggi + l-introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE: <i>baxxa / medja</i> - L-impjieggi + introjtu fil-soċjetajiet tal-klassi: <i>medja / medja</i> | L-ispejjeż għas-sidien tal-bastimenti + il-faċilitajiet tar-riċiklaġġ: <i>medja / medja</i> It-tibdil tal-bandiera ta' bastimenti tal-UE: <i>medja / medja</i> | Aċċetta |
| Il-lista ta' bastimenti lesti għall-iskreppjar | Il-prevenzjoni ta' esportazzjonijiet mill-UE ta' skart perikoluż bil-bastimenti: <i>medja / medja</i> Is-sikurezza tal-baħar + tal-ambjent (il-prevenzjoni ta' aċċidenti) fl-UE: <i>medja / medja</i> L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>baxxa / medja</i> | Il-piż amministrattiv għas-sidien tal-bastimenti: <i>Baxxa / baxxa (ogħla għas-sidien ta' bastimenti qodma)</i> Il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet: <i>medja / medja</i> Nuqqas ta' introjtu għall-portijiet ta' tranżitu fil-Mediterran: <i>medja / medja</i> | Aċċetta |
| Miżuri ta' infurzar WSR | | | |
| Id-dokument ta' gwida dwar bastimenti tal-iskart | Il-prevenzjoni ta' esportazzjonijiet ta' skart perikoluż bil-bastimenti: <i>medja / medja</i> L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>baxxa / medja</i> | L-ispejjeż amministrattivi għall-UE + l-Istati Membri: <i>għolja / baxxa</i> | Aċċetta |
| Il-proġett IMPEL-TFS | Il-prevenzjoni ta' esportazzjonijiet ta' skart perikoluż bil-bastimenti: <i>medja /</i> | L-ispejjeż amministrattivi għall-UE + l-Istati Membri: <i>għolja / baxxa</i> | Aċċetta |

| Il-miżura | L-impatti pożittivi | L-impatti negattivi | L-għażla rakkomandata: |
|------------------------------------|--|---|-------------------------------|
| | Il-grupp affettwat jew ikkonċernat: <i>Il-probabbiltà / l-intensità</i> | Il-grupp affettwat jew ikkonċernat: <i>Il-probabbiltà / l-intensità</i> | |
| | <i>medja</i> L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>baxxa / medja</i> | | |
| Il-proċeduri ta' vjolazzjoni | Il-prevenzjoni ta' esportazzjonijiet ta' skart perikoluż bil-bastimenti: <i>medja / għolja</i> L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>baxxa / medja</i> | Spejjeż għall-UE + MS: <i>baxxa / baxxa</i> | Aċċetta |
| Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi | Il-prevenzjoni ta' esportazzjonijiet, tranżitu u importazzjoni ta' skart perikoluż bil-bastimenti: Baxxa / medja (pajjiżi ta' destinazzjoni), <i>medji / medji</i> (l-Eġittu) L-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja: <i>baxxa / medja</i> | L-ispejjeż amministrattivi għall-UE + l-Istati Membri: <i>għolja / medja</i> | Aċċetta |

Ir-raba' għażla tgħaqquad f'daqqa għażla ta' regoli li jaqaw taħt l-għażla 3 ma' ċerti azzjonijiet ta' appoġġ li jaqaw taħt l-għażla 2 f'approċċ ta' politika integrata. Din tinkludi regoli għall-implimentazzjoni ta', bħala prijorità, l-elementi ewlenin tal-Konvenzjoni prevista dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti hekk kif jiġu adottati mill-konferenza diplomatika tal-IMO li mistennija ssir f'Mejju 2009, partikolarment id-dispożizzjonijiet rigward servejs u ċertifikati għall-bastimenti, ir-rekwiżiti essenzjali għall-faċilitajiet ta' riċiklaġġ u r-regoli dwar ir-rappurtaġġ u l-komunikazzjoni. Din tkun tinkludi wkoll ir-regoli dwar iż-żarmar nadif ta' bastimenti tal-gwerra u bastimenti oħra tal-gvern u dwar il-faċilitajiet iċċertifikati ta' żarmar, u lista ta' bastimenti lesti għall-iskreppjar. Azzjonijiet ta' appoġġ għandhom jimplikaw medda ta' miżuri mhux leġiżlattivi, bħal kampanja għal impenji volontarji, simplifikar tal-għajnuniet għat-tbaħħir, skemi ta' ċertifikazzjoni u ta' għotjiet, u assistenza teknika għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, iżda mhux sussidji għaż-żarmar ta' bastimenti fl-UE.

Tabella 3: L-impatti netti tal-miżuri li jaqaw taħt l-Għażla 4 (l-approċċ ta' politika integrata)

| Il-miżura | L-impatti pożittivi | L-impatti negattivi | L-impatt nett / l-interferenza |
|--|--|---|---|
| Inventorju ta' materjali perikolużi, servejs u ċertifikati | Armonizzazzjoni bikrija tar-regoli ta' sikurezza fl-UE tistabbilixxi opportunitajiet indaqs | M'hemmx spejjeż żejda relatati mal-linja ta' bażi (Konvenzjoni IMO) | Impatt pożittiv medju ; M'hemmx interferenzi mistennija. |

| Il-miżura | L-impatti pożittivi | L-impatti negattivi | L-impatt nett / l-interferenza |
|---|---|--|---|
| | - tnaqqas l-ispejjeż għas-sidien ta' bastimenti + tarzni - iżżid l-effettività tal-kontrolli tas-saħħa + sikurezza: <i>medja / medja</i> | | |
| Rekwiżiti għal faċilitajiet għal żarmar ta' bastimenti | L-ebda impatt prinċipali, jew tnaqqis potenzjali ta' spejjeż għall-Pjan ta' Ġestjoni | M'hemmx spejjeż żejda relatati mal-linja ta' bażi (Konvenzjoni IMO) | Impatt pożittiv minuri; mhemmx interferenzi mistennija. |
| Doveri ta' informazzjoni tal-Istati ta' riċiklaġġ | It-trasparenza, implimentazzjoni aktar effettiva: | Żieda minuri fil-piż amministrattiv għal SM: | Impatt pożittiv minuri; mhemmx interferenzi mistennija. |
| Rekwiżiti ta' rappurtaġġ għal sidien ta' bastimenti u faċilitajiet ta' riċiklaġġ: | L-ebda impatt prinċipali, tnaqqis potenzjali ta' spejjeż permezz ta' ġestjoni minn punt ta' kuntatt uniku. | M'hemmx spejjeż żejda relatati mal-linja ta' bażi (Konvenzjoni IMO) | Impatt pożittiv minuri; mhemmx interferenzi mistennija. |
| Estensjonijiet tar-regoli għall-bastimenti tal-gvern | Inqas tniġġis + impatti fuq is-saħħa minn bastimenti tal-gwerra kkontaminati fin-Nofsinhar tal-Ażja, Aktar impjegi + introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE: | Spejjeż ogħla / inqas introjtu għall-forzi navali tal-UE Impatti possibbilment minuri fuq l-impjegi + introjtu fin-Nofsinhar tal-Ażja Impatti possibbilment minuri fuq l-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fl-UE | Impatt medju pożittiv; mhemmx interferenzi mistennija. |
| Obbligu li jsir użu minn faċilitajiet iċċertifikati biss | Inqas tniġġis + impatti fuq is-saħħa minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE fin-Nofsinhar tal-Ażja Aktar impjegi + introjtu f'faċilitajiet iċċertifikati, possibbilment fl-UE Aktar impjegi + introjtu fil-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni: | Żieda fl-ispejjeż / inqas introjtu għas-sidien tal-bastimenti, spejjeż ta' ċertifikazzjoni minuri għall-faċilitajiet ta' riċiklaġġ Possibbilment it-tibdil tal-bandiera (out-flagging) ta' bastimenti tal-UE | Impatt pożittiv medju, jekk ma jiżdidux il-każijiet ta' bdil tal-bandiera (out-flagging). Meħtieġa għaqqda ma' kampanja għal azzjoni volontarja/CSR . |
| Lista ta' bastimenti lesti għall-iskreppjar | Il-prevenzjoni ta' esportazzjonijiet mill-UE ta' skart perikoluż bil-bastimenti Il-kontributi għal protezzjoni tal-ambjent tal-baħar billi jintużaw inqas bastimenti antiki + anqas aċċidenti fl-ilmijiet tal-UE Impatt minuri fuq l-ambjent | Aktar piż amministrattiv għall-awtoritajiet u s-sidien ta' vapuri aktar antiki permezz ta' sorveljanza + kontrolli Nuqqas ta' introjtu għall-portijiet ta' tranżitu fil-Mediterran: | Impatt medju pożittiv; Jista' jkun hemm interferenza mal-inkoraġġiment għal azzjonijiet volontarji mis-sidien ta' bastimenti. |

| Il-miżura | L-impatti pożittivi | L-impatti negattivi | L-impatt nett / l-interferenza |
|---|---|---|--|
| | + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja | | |
| <i>Miżuri ta' infurzar WSR</i> | | | |
| Dokument ta' gwida dwar bastimenti tal-iskart Proġetti IMPEL-TFS Il-proċeduri ta' vjolazzjoni | Konformità aħjar ma' WSR / il-prevenzjoni ta' esportazzjonijiet mill-UE ta' skart perikoluż bil-bastimenti Impatt minuri fuq l-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja | Aktar piż amministrattiv għall-awtoritajiet u s-sidien ta' vapuri aktar antiki permezz ta' kontrolli addizzjonali | Impatt medju pożittiv. It-twertiq riġidu ta' miżuri jista' jxekkel l-inkoraġġiment għal azzjonijiet volontarji. |
| Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (pajjiżi ta' destinazzjoni + ta' tranżitu) | Konformità possibilment aħjar permezz tal-Konvenzjoni ta' Basel / prevenzjoni ta' esportazzjoni, tranżitu u importazzjoni ta' skart perikoluż bil-bastimenti: Impatt minuri fuq l-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja | Aktar piż amministrattiv għall-UE + l-Istati Membri | Possibilment impatt pożittiv medju, iżda mhux probabbli kooperazzjoni b'suċċess ma' pajjiżi ta' destinazzjoni. Mhemmx interferenzi mistennija. |
| <i>Miżuri għal azzjonijiet volontarji</i> | | | |
| Simplifikar tal-għajnuniet għat-tbaħħir attwali | Konformità aħjar ma' WSR / il-prevenzjoni ta' esportazzjonijiet mill-UE ta' skart perikoluż bil-bastimenti Impatt minuri fuq l-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja Aktar imjiegi + introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE | Spejjeż oġhla / inqas introjtu għall-operaturi tal-laneċ: | Impatt medju pożittiv; mhemmx interferenzi mistennija. |
| Il-kampanja għal ftehimiet volontarji tas-sidien ta' bastimenti | Possibilment impatt medju fuq l-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja, speċjalment fi żmien qasir | L-ebda impatt prinċipali | Il-potenzjal għal impatt pożittiv, speċjalment fi żmien qasir. Interferenza minn miżuri leġiżlattivi + ta' infurzar possibbli. |
| Skemi ta' għotjiet | Impatt minuri fuq l-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja Ir-reputazzjoni aħjar tas-sidien ta' bastimenti tal-UE + parteċipanti oħra: Possibilment aktar imjiegi | Spejjeż minuri għall-UE + parteċipanti fl-industrija (iżda diġà tippresupponi standards għoljin). | Impatt medju pożittiv; jekk trasparenti + skema wiesa', ma jkunx hemm interferenzi mistennija. |

| Il-miżura | L-impatti pożittivi | L-impatti negattivi | L-impatt nett / l-interferenza |
|--|---|---|---|
| | + introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE | | |
| Assistenza teknika għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw | Possibilment impatti minuri fuq l-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja Possibilment kundizzjonijiet aħjar għas-sajjieda lokali fin-Nofsinhar tal-Ażja: | Spejjeż għall-fondi tal-UE Possibilment distorzjoni ta' kompetizzjoni ma' Stati oħra ta' riċiklaġġ | Potenzjal ta' impatt pożittiv, li jiddependi fuq il-kooperazzjoni mill-Istat ta' riċiklaġġ. Mhemmx interferenzi mistennija. |
| Parteċipazzjoni fi proġetti pilota | Impatt minuri fuq l-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja | L-ebda impatt prinċipali | Impatt pożittiv minuri. Mhemmx interferenzi mistennija. |
| Gwida lill-proprietarji tal-bastimenti (il-lista globali tal-faċilitajiet ta' żarmar "green") | Possibilment impatti minuri fuq l-ambjent + is-sikurezza tal-ħaddiema fin-Nofsinhar tal-Ażja Possibilment aktar imjiegi + introjtu fl-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE | L-ebda impatt prinċipali | Impatt medju pożittiv; Mhemmx interferenzi mistennija. |

Il-valutazzjoni tal-Impatt ta' dawn l-għażliet tippreżenta valutazzjoni ta' impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi. Din il-valutazzjoni tal-Impatt tagħti indikazzjoni dwar sa liema punt kull waħda minn dawn l-għażliet tista' ssolvi l-problema, u tanalizza l-ispejjeż u l-iżvantaġġi possibbli. **Peress li l-Komunikazzjoni dwar l-istrateġija tal-UE għaż-żarmar tal-bastimenti ma tirrappreżentax proposta leġiżlattiva konkreta, u minħabba li l-impatti ta' tali miżuri li jistgħu jiġu adottati sussegwentement se jiġu vvalutati fid-dettal f'Valutazzjonijiet tal-Impatt separati, f'dan l-istadju, il-livell tal-analiżi huwa meqjus bħala proprorjonat.**

Il-konklużjoni ta' din il-Valutazzjoni tal-Impatt hi li r-raba' għażla (l-approċċ ta' politika integrata) hija preferibbli, peress li hija l-unika waħda li tista' tikseb f'daqqa impatti pożittivi ambjentali, soċjali u ekonomiċi fil-perjodu ta' żmien qasir u medju kif ukoll fil-perjodu ta' żmien twil. Din l-għażla għandha tassigura livell għoli ta' konformità mal-liġi attwali tal-ġarr tal-iskart bil-baħar u tnaqqas b'mod sinifikanti l-impatti negattivi taż-żarmar ta' bastimenti fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, speċjalment fin-Nofsinhar tal-Ażja, mingħajr ma' jinħoloq piż eċċessiv fuq dawk l-Ewropej li jħallsu t-taxxa.